# LIL...

Bħal mewġa li taħkem
qawwija
U tinkesa bir-ragħwa,
U togħla u titkisser saltnija
Meta tonfoħ l-irwiefen u tingħi;

Bħal berqa li sserrep
bla ħniena
U taqsam u tirfed
Id-dalma—tal-Mewt il-benniena—
Meta ħielsa jaħarbu il-qilel;

Hekk qalbi bl-imħabba
mifnija,
Bla sabar, bla tama
Bla hena—bin-niket mimlija,
Lejn l-Imgħoddi qed tħares beżgħana:

Għax tara f'Imħabbtek
dagħmiena,
Is-safa u l-qawwa
L-Imħabba li ssaltan bla ħjiena:
U titħasseb, titħasseb ir-ruħ.

W. PH. GULIA.

22/2/'43